REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 34/2011

tat-18 ta' Jannar 2011

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 103*h*(f) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 [2] jistabbilixxi regoli dettaljati għall-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel stabbilita mill-Artikolu 103*ga* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri, għandhom jiġu emendati għadd ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 288/2009.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 288/2009 jistabbilixxi regoli dwar l-għajnuna għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fil-qafas tal-iskema tal-frott għall-iskejjel, fosthom regoli dwar l-allokazzjoni tal-għajnuna u l-allokazzjoni mill-ġdid tagħha. Sabiex l-Istati Membri jkunu megħjuna jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom għall-għajnuna u sabiex ikun żgurat li ma jkun hemm ebda dubji dwar l-ammont tal-għajnuna li għalih tkun intbagħtet l-applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-applikazzjoni għall-għajnuna flimkien mal-istrateġija tagħhom billi jużaw formola preċiża.

(3) Fl-ebda ċirkustanza t-taxxa fuq il-valur miżjud ma tista' titqies bħala nefqa eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Minħabba li hemm bżonn ta' regoli ċari dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-għanijiet tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kontroll, ir-regoli dwar l-ispejjeż eliġibbli fil-qafas tal-iskema tal-frott għall-iskejjel għandhom jiġu ċċarati f'dan ir-rigward.

(4) L-Artikolu 5(1)(b)(ii) u (iii) tar-Regolament (KE) Nru 288/2009 fih dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż marbutin mal-monitoraġġ, mal-evalwazzjoni u mal-komunikazzjoni rispettivament. L-Artikolu 7 fih dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni tal-applikanti għall-għajnuna. Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni iktar flessibbli tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel, l-Artikolu 7 għandu jiġi emendat, sabiex ikun żgurat li s-servizzi marbutin mal-monitoraġġ, mal-evalwazzjoni u mal-komunikazzjoni jkunu jistgħu jingħataw minn applikanti għall-għajnuna li ma jużawx jew ma jwasslux huma stess il-prodotti ffinanzjati mill-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel.

(5) L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 288/2009 fih dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' kartellun dwar "l-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel". Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ir-referenzi għall-"Komunità Ewropea" għandhom jinbidlu b'referenzi għall-"Unjoni Ewropea". Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jużaw il-kartelluni u l-mezzi l-oħrajn tat-tagħrif li jkunu saru qabel għal perjodu raġonevoli taż-żmien.

(6) Il-miżuri li dwarhom hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 288/2009 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri li jistabbilixxu Skema tal-Frott għall-Iskejjel jistgħu japplikaw għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 103*ga* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għal perjodu wieħed jew aktar li jibda fl-1 ta' Awwissu u jintemm fil-31 ta' Lulju, billi, sal-31 ta' Jannar tas-sena meta jibda l-ewwel perjodu, jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-istrateġija tagħhom. L-istrateġija għandu jkollha magħha l-applikazzjoni għall-għajnuna mfassla skont il-mudell mogħti fl-Anness IIa, anke meta l-istrateġija tkun tkopri iktar minn sena waħda.";

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38.

(2) Fl-Artikolu 5(1), il-fraži tal-bidu għandha tinbidel b'dan li ġej:

"L-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 103ga tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT):";

(3) Fl-Artikolu 6(2)(e), il-punt (ii) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u/jew il-komunikazzjoni.";

(4) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 għandu jiddaħħal il-punt ġdid (aa) li ġej:

"(aa) li juża l-għajnuna għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-iskema tal-frott għall-iskejjel kif imsemmi fl-Artikolu 12 jew għall-komunikazzjoni;";

(5) L-Artikolu 10(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-aħħar tal-punt (b) għandu jitħassar il-kliem "kif ukoll";

(b) Għandu jiżdied il-punt ġdid (d) li ġej:

"(d) id-dokumenti ta' prova li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri.";

(6) L-Artikolu 14 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Il-kartellun dwar "l-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel"

1. L-Istati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fl-"Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel" għandhom jgħarrfu lill-pubbliku li l-iskema rċeviet għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jużaw kartellun, magħmul skont ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness III, li għandu jitqiegħed b'mod permanenti f'post fejn ikun jidher u fejn ikun jista' jinqara biċ-ċar fid-daħla prinċipali tal-istabbiliment edukattiv li jkun qed jieħu sehem fl-iskema.

2. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawx il-kartellun imsemmi fil-paragrafu 1, fl-istrateġija tagħhom għandhom jispjegaw b'mod ċar kif se jgħarrfu lill-pubbliku dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-iskema tagħhom. Fi kwalunkwe każ, is-siti tal-internet u kwalunkwe strument ieħor tat-tagħrif jew għar-riklamar dwar l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel ta' Stat Membru għandhom juru l-bandiera Ewropea u jsemmu "l-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel" u l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.

3. Referenzi għall-kontribuzzjoni finanzjarja li tkun tat l-Unjoni Ewropea għandu jkollhom tal-anqas l-istess viżibbiltà bħall-kontribuzzjonijiet minn entitajiet privati jew pubbliċi oħrajn li jkunu qed jappoġġaw l-iskema tal-Istat Membru.

4. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw il-kartelluni u l-mezzi l-oħrajn tat-tagħrif stampati qabel il-31 ta' Jannar 2011 abbażi tal-leġiżlazzjoni li kienet tapplika meta saru sal-31 ta' Awwissu 2012.";

(7) L-Artikolu 15 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-monitoraġġ, li dwaru hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 12(1);"

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. F'każ li Stat Membru jbiddel l-istrateġija msemmija fl-Artikolu 3, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bl-istrateġija l-ġdida tiegħu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, permezz ta' ittra mibgħuta bil-posta elettronika fl-indirizz imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.";

(8) Għandu jiddaħħal Anness ġdid – l-Anness IIa, mogħti fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(9) Fl-Anness III, l-aħħar inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

" '[It-tip ta' stabbiliment edukattiv tagħna (pereżempju skola tat-trabi/skola ta' qabel l-iskola primarja/skola)] jieħu sehem fl-"Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel" bl-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.' Il-kartellun għandu jkollu l-emblema tal-Unjoni Ewropea.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS IIa

Applikazzjoni għall-għajnuna li għandha titressaq mill-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)

	Stat Membru		
	Sena skolastika		
	Allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Anness II, mogħtija f'Euro		
Mistoqsija Nru 1	Il-possibbiltà li jintuża ammont ikbar mill-allokazzjoni indikattiva msemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Anness II	Iva	Le
Mistoqsija Nru 2	Jekk weġibt 'Le' għall-Mistoqsija Nru 1, l-allokazzjoni mitluba, f'Euro	(f'ċifri)	(fi kliem)
Mistoqsija Nru 3	Jekk weġibt 'Iva' għall-Mistoqsija Nru 1, l-ammont massimu tal-allokazzjoni addizzjonali mitluba, f'Euro (minbarra l-allokazzjoni indikattiva)	(f'ċifri)	(fi kliem)"